A.L. 242 ta' l-2005

ATT DWAR IT-TRANSAZZJONIJIET ESTERNI (KAP. 233)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 11(2) ta' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Skema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 121 ta' l-2005.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fis-16 ta' Ġunju, 2005.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "sas-16 ta' Ġunju, 2005" għandhom jidħlu l-kliem "sat-30 ta' Ġunju, 2005".